Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tas-6 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni vs Il-Polonja

(Kawża C-545/08)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Komunikazzjonijiet elettroniċi — Direttivi 2002/21/KE u 2002/22/KE — Fornitur ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet b'veloċità għolja — Impożizzjoni fuq it-tariffi tas-servizzi ta' aċċess għall-Internet b'veloċità għolja tal-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni u tal-obbligu li jkunu stabbiliti fuq il-bażi tal-ispejjeż tal-provvista ta' dawn is-servizzi — Nuqqas ta' analiżi tas-suq"

1. *Proċedura — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tas-suġġett tal-kawża — Sunt tal-motivi invokati (Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 38(1)(ċ)) (ara l-punti 25, 26)*

2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Dritt ta' azzjoni tal-Kummissjoni — Eżerċizzju li ma jiddependix mill-eżistenza ta' interess ġuridiku speċifiku (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 30)*

3. *Approssimazzjoni tal-liġijiet — Settur tat-telekomunikazzjonijiet — Netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi — Qafas regolamentari — Direttiva 2002/21 — Servizz universali u drittijiet tal-utenti — Direttiva 2002/22 — Sistema tranżitorja (Direttivi tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill 2002/21, Artikolu 16 u l-ewwel paragrafu tal-Artikolu 27, u 2002/22, Artikoli 16 u 17) (ara l-punti 46-50, 57-72 u d-dispożittiv)*

Suġġett

Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu - Ksur tal-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29, p. 367), kif ukoll tal-Artikoli 16 u 27 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi [netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi] (Direttiva Kwadru [Qafas]) (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 29. p. 349) - Impożizzjoni fuq operatur tal-obbligu li jikseb awtorizazzjoni għat-tariffi bl-imnut għall-provvista ta' servizzi ta' aċċess għall-Internet b'veloċità għolja mingħajr ma saret analiżi tas-suq.

Dispożittiv

1) Billi rregolat it-tariffi bl-imnut għall-provvista ta' aċċess għall-Internet b'veloċità għolja mingħajr ma qabel wettqet analiżi tas-suq, ir-Repubblika tal-Polonja naqset milli twettaq l-obbligi tagħha taħt id-dispożizzjonijiet moqrija flimkien tal-Artikoli 16 u 17 tad-Direttiva 2002/22/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar servizz universali u d-drittijiet tal-utenti li jirrelataw ma' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (Direttiva Servizz Universali), kif ukoll tal-Artikoli 16 u 27 tad-Direttiva 2002/21/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tas-7 ta' Marzu 2002, dwar kwadru regolatorju komuni għan-networks ta' komunikazzjonijiet u servizzi elettroniċi [netwerks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi] (Direttiva Kwadru [Qafas]).

2) Ir-Repubblika tal-Polonja hija kkundannata għall-ispejjeż.

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (Is-Seba' Awla) tas-6 ta' Mejju 2010 — Il-Kummissjoni vs Il-Polonja

(Kawża C-311/09)

"Nuqqas ta' Stat li jwettaq obbligu — Taxxa — VAT — Trasport internazzjonali ta' persuni — Taxxa b'rata fissa imposta fuq trasportaturi stabbiliti barra mit-territorju nazzjonali"

1. *Stati Membri — Obbligi — Nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Ġustifikazzjoni (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 18)*

2. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Dritt ta' azzjoni tal-Kummissjoni — Eżerċizzju diskrezzjonali (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 19)*

3. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Eżami tal-mertu mill-Qorti tal-Ġustizzja — Sitwazzjoni li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni — Sitwazzjoni fl-iskadenza tat-terminu stabbilit mill-opinjoni motivata (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 31)*

4. *Rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu — Prova tan-nuqqas — Oneru tal-Kummissjoni (Artikolu 226 KE) (ara l-punt 34)*